# Dati Importanti għas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fis-Seklu Dsatax



**jikteb Saviour DIMECH**

Qegħdin inniedu rubrika marbuta ma' l-istorja tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. Il-ħsieb tagħna huwa li nippubblikaw l-informazzjoni li għandna dwar is-Soċjetà u f'kull każ nikkwotaw eżatt fejn sibna t-tagħrif. Qegħdin inżidu wkoll il-kummenti tagħna skond kif tinħass il-ħtieġa bil-għan li kull ġrajja partikulari tkompli torbot aktar ma' l-istorja. Fil-ħarġa ta' din is-sena ser nitkellmu dwar l-aħħar tletin sena tas-seklu dsatax.

## 1869

(Ref: Vella Emmanuel Benjamin, ***Storja tal-Mosta Bil-Knisja Tagħha***, Empire Press, 1930, p. 226)

E.B. Vella jikteb hekk: *L-istorja tal-Banda Nicolò Isouard tibda dwar is-sena 1869, meta l-Mosti Ġanni Azzoppardi, li kien fil-Banda tan-Navy, beda jrawwem l-ewwel bandisti, li tagħhom kien is-surmast.*

Tajjeb li nfakkru li E.B. Vella kiteb din is-silta fl-1930. Huwa kien twieled fl-1899. Għalhekk fi tfulitu kien jiftakar il-Banda Nicolò Isouard meta kienet għadha banda żagħżugħa. Barra minhekk ix-xjuħ ta' dak iż-żmien, speċjalment dawk li kellhom mas-sebgħin sena jew aktar, kollha kienu jiftakru l-ġrajja tat-twaqqif tal-Banda Nicolò Isouard u żgur li fost dawn ix-xjuħ kien hemm xi wħud mill-bandisti tal-bidunett. Qiegħed ngħid dan kollu għax l-informazzjoni li jagħtina E.B. Vella fiha ħafna piż. Kienet informazzjoni ġejja minn ras il-għajn.

Barra minhekk nafu li mal-miġja ta' l-Ingliżi fostna, fil-bidu tas-seklu dsatax, il-Maltin bdew jesperjenzaw il-preżenza ta' ħafna baned militari li kienu jiġbdu ħafna Maltin bid-daqq ħlejju tagħhom fil-beraħ. Għall-ewwel kien hemm xi Maltin li donnhom bdew jitħajru u bdew jiffurmaw baned żgħar. Iżda fit-tieni nofs tas-seklu dsatax bdew jitwieldu l-baned Maltin bil-każini tagħhom. Kulħadd jaf li l-baned militari kienu jdoqqu l-aktar fil-Belt Valletta u fl-ibliet ta' madwar il-port. Aktar tard il-baned militari bdew jagħtu l-wirjiet tagħhom ukoll f'Tas-Sliema u fil-Furjana.

Il-baned Maltin tal-bidu nistgħu nharsu lejhom minn żewġ angoli. Kien hemm dawk li twaqqfu fl-irħula fejn kien jinħass in-nuqqas tal-baned militari, bħal Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat. Oħrajn bdew jitwaqqfu fil-Kottonera fejn il-Maltin kienu mdorrijin bil-preżenza tal-baned militari u għalhekk riedu jimitawhom. Sas-snin sittin tas-seklu dsatax diġà kienu twaqqfu l-baned f'Ħal Qormi, f'Ħaż-Żebbuġ, fir-Rabat, fin-Naxxar u f'Birkirkara, barra l-oħrajn lejn in-naħat tal-Kottonera.

Wieħed malajr jifhem li r-raħal tal-Mosta kien imdawwar b'dawn il-baned ġodda u kienet ħaġa naturali li l-Mostin jippruvaw huma wkoll iwaqqfu l-banda tagħhom. Iżda lill-Mostin kien hemm xi jżommhom. Ma ninsewx li missirijietna kienu twebblu li jibnu tempju monumentali lil Marija Assunta, li qatt ma kien deher bħalu f'Malta. Ir-Rotunda nbniet bejn l-1833 u l-1860. Sebgħa u għoxrin sena li matulhom il-Mostin ħlew ġidhom u saħħithom. Wara li lestew il-bini tar-Rotunda, kien jinħtieġ li jitkompla x-xogħol fuq l-aktar ħwejjeġ bżonnjużi fl-istess tempju u forsi wkoll jibdew iżejnuh. Fl-1866 ħarġet għall-ewwel darba l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bl-istatwi ta' Kristu fl-Ort u l-Marbut. Fl-1868 iżżanżnet l-istatwa l-ġdida ta' Santa Marija mnaqqxa fl-injam minn Salvatore Dimech, is-Sarċ. Dan kollu juri li wara l-bini tat-tempju, il-Mostin bdew jagħmlu ħilithom biex ikabbru wkoll il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Santa Marija. Kien f'dan l-ambjent li huma twebblu wkoll, biex kif għamlu l-irħula tal-qrib, iwaqqfu wkoll il-banda tagħhom, **il-Banda tal-Mosta.**

## 1871 - 15 t'Ottubru

(Ref: Vella Emmanuel Benjamin, ***Storja tal-Mosta Bil-Knisja Tagħha***, Empire Press, 1930, p. 226)

E.B. Vella jkompli jikteb: *L-ewwel darba li daqqew programm barra kien nhar il-festa tal-Konsagrazzjoni tal-knisja fl-1871.*

Kif għidna, wara li tlesta l-bini tar-Rotunda, il-Mostin komplew bix-xogħol li kien għad jonqos fil-knisja. F'paġna 177 tal-ktieb tiegħu, E.B. Vella jgħidilna 'li bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Anton Mallia, fl-1861 inġabar l-għadam tal-mejtin li kien hemm midfunin fil-qiegħa tal-knisja l-qadima u tqiegħed ġewwa fossa għal ta' l-apposta. Irranġaw l-art li kienet fil-fond u ċċangawha bil-franka. Fit-18 t'Ottubru 1863, l-Isqof ġie jbierek il-qanpiena l-fustanija u fid-29 ta' Diċembru 1864 bierek il-qanpiena l-kbira. Kienu saru ħafna kwadri ġodda u tqegħdu wkoll xi oħrajn qodma'.

Laħqu għaddew ħdax-il sena. Nhar **il-Ħadd, 15 t'Ottubru 1871**, l-Isqof Mons. Fra Gaetano Pace Forno

telaq fis-sebgħa ta' fil-għodu fil-karozza t'erba' żwiemel mill-Palazz tal-Belt għall-Parroċċa tal-Mosta. Miegħu kellu l-Kanonċi tal-Katidral, Dun Kalċidon Falzon S.Th. D., J.U.D., Dun Feliċ Cutajar S.Th.D. u ċ-ċerimonier il-W.R. Dun Ġwann Muscat.



*Mons. Gaetano Pace Forno - Agostinjan li kien Isqof ta' Malta u Arċisqof Titulari ta' Rodi (1857-1874).*

Wara li kkonsagra t-tempju taħt l-isem tat-Tlugħ fis-Sema ta' l-Imqaddsa bla Tebgħa ta' Marija, skond ir-riti tal-Knisja, l-Isqof iċċelebra is-sagrifiċċju tal-quddiesa fil-knisja kkonsagrata fejn kien hemm jassistuh, il-Mosti Mons. Ġlormu Chetcuti (miet fis-16 t'Awissu, 1885) u ċ-ċerimonier tal-Katidral, il-W.R. Dun Ġwann Sammut. Kien hemm ukoll ġemgħa kbira ta' nies, mhux biss mill-Mosta imma wkoll mill-ibliet u minn bosta rħula oħra.

Wieħed malajr jifhem li din il-ġurnata tal-**15 t'Ottubru 1871** kienet jum speċjali għall-Mostin kollha. Il-Konsagrazzjoni tar-Rotunda kienet l-inkurunazzjoni ta' aktar minn tletin sena ta' ħidma voluntarja ta' tant u tant Mostin missirijietna. Żgur li kienet ġurnata ta' ferħ fost il-Mostin kollha. U propju biex ikomplu jżidu s-solennita' ta' dik il-ġurnata u l-ferħ tal-poplu Mosti, id-diriġenti tal-banda l-ġdida ddeċidew li **l-Banda tal-Mosta** toħroġ għall-ewwel darba fil-beraħ propju f'dik il-lejla billi ddoqq programm mużikali fil-pjazza tal-knisja.

Kif wieħed jista' jobsor l-entużjażmu kien kbir. B'hekk ġiet issiġillata ġurnata storika sew għall-Mostin kif ukoll għas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.

## 1876 - Is-Sibt, 18 ta' Marzu

(Ref: il-gazzetta ***L'ORDINE*** ta' Marzu 1876, p. 4)

Korrispondent jikteb ittra li fiha jiddeskrivi l-festa kbira li r-Rabtin għamlu lil San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu 1876. Ikompli jgħid li *'lejliet il-festa fil-għaxija, it-toroq kienu mdawwlin sewwa u ż-żewġ baned Rabtin, waħda taħt id-direzzjoni ta' Angelo Agius u l-oħra taħt Epifanio Agius, bħal dik tal-Mosta (Musta) ferrħu bil-melodiji ħelwin tagħhom lill-poplu mmens li ġie mill-partijiet kollha tal-ġżira'.*

Din l-ittra tikxef il-fatt li sa minn ftit snin wara t-twaqqif tagħha, il-Banda tal-Mosta kienet diġà kisbet ċerta popolarità f'irħula oħra, u għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-Banda kienet diġà laħqet ċertu livell mużikali tajjeb. Fil-verità hija kienet l-unika banda barranija mistiedna għall-festa ta' San Ġużepp nhar it-18 ta' Marzu 1876.

## 1881

(Ref: *Guida Generale di Malta* ta' Giov. Muscat, p. 93)

Fil-***Guida Generale***, tissemma **l-Banda tal-Mosta** b'din is-silta: *Società Filarmonica della Musta - Casino e Scuola, Strada Reale. Direttore... G. Demajo.*

Tajjeb li nfakkru li meta twaqqfet l-ewwel banda fil-Mosta, din kienet magħrufa bħala '**Il-Banda tal-Mosta**'. Kien fi żmien il-presidenza tal-Professur Napuljun Tagliaferro li l-Banda ngħatat l-isem ta' **Società Filarmonica Nicolò Isouard** biex tagħti ġieħ u tfakkar lill-kompożitur Malti Nicolò Isouard. Is-silta li semmejna tgħarrafna li fi Triq il-Kbira kien hemm il-Każin tal-Banda tal-Mosta. Dan il-każin kellu l-iskola tal-mużika tiegħu.

## 1883

(Ref: *Almanacco Generale* ta' Giov. Muscat)

Fl-**Almanacco Generale** ta' 1883 insibu lista ta' ħmistax il-banda ċivili f'Malta, fosthom **Il-Banda tal-Mosta.** Din hija l-lista sħiħa:

| **Isem** | **Indirizz** | **Surmast** |
|---|---|---|
| La Nazionale La Vallette | 2, Piazza Regina, Valletta | E. Bartoli |
| La Nazionale Vincitrice | 21, Piazza Fosse, Valletta | E. Sansone |
| La Nazionale Vilhena | 41, Strada Miratore, Floriana | C. Abela |
| Progresso Vincitrice | Strada Porta Marina, Senglea | P. Miruzzi |
| San Giorgio | 157, Strada S. Teresa, Cospicua | C. Abela |
| L'Isle Adam | 48, Strada S. Paolo, Rabat | E. Agius |
| Conte Ruggiero | Strada Bir Iljun, Rabat | F. Xuereb |
| Birkirkara | 24, Strada S. Elena, | T. Galea |
| Ħaż-Żebbuġ | Strada Vescovo, | M.A. Debono |
| Ħal-Qormi | Strada Reale, | G. Zarb |
| Iż-Żurrieq | 20, Strada Brittanica, | C. Zammit |
| IL-MOSTA | Strada Reale, | G. Demajo |
| La Stella | 9, Strada S. Giorgio, Żejtun | Mifsud |
| Tal-Palma | 20, Strada Mater Boni Consigli, Żejtun | G.B. Cassar |
| La Stella | 15, Strada S. Giovanni | A. Buhagiar |

## 1889

(Ref: *Almanacco Generale* ta' Giov. Muscat, fl-1889)

**Il-Banda tal-Mosta**, tissemma fil-lista tal-baned Maltin u Għawdxin fl-***Almanacco Generale*** ta' l-1889. Din hija l-lista ta' dsatax-il banda:

| **Isem** | **Indirizz** | | **Surmast** |
|---|---|---|---|
| La Vallette | Valletta | 2, Piazza Regina | Gaetano Grech |
| Prince of Wales | Valletta | 20, Piazza Fosse | Filippo Galea |
| L' Unione | Vittoriosa | 9, Piazzetta | T. Catania |
| Cavalieri di Malta | Sliema | 1, Strada Torre | Ferdinando Camilleri |
| San Giorgio | Cospicua | 157, Strada S. Teresa | Gaetano Grech |
| L' Isle Adam | Rabat | 32, Strada S. Agostino | Lorenzo Gatt |
| Conte Ruggiero | Rabat | Strada Reale | Francesco Xuereb |
| Soc. Fil. dei Curmini | Qormi | Strada Reale | G. Zarb |
| Soc. Fil. del | Żabbar | Piazza S. Giacomo | C. Abela Scolaro |
| Soc. Fil. del | Birkirkara | 23, Strada S. Elena | Tommaso Galea |
| Mannarino | Żurrieq | | Ignazio Catania |
| Cavaliere | Żurrieq | 20, Strada Brittanica | C. Zammit |
| Soc. Fil. di | Mosta | Strada Reale | Gius. Micallef |
| Soc. Fil. del | Żejtun | Strada S. Caterina | G.B. Cassar |
| Sant' Andrea | Luqa | 103, Strada Carmine | Tommaso Galea |
| L' Unione | Luqa | 55, Strada S. Paolo | Gavino Camilleri |
| Vittoria | Naxxar | 131, Strada S. Lucia | Carmelo Spiteri |
| Leone | Victoria | 38, Via G. Garlo | A. Buhagiar |
| La Stella | Victoria | 17, Strada Fontana | (Presidente Fortunato Mizzi LLD) |

## 1893/1894

(Ref: ***Risorgimento*** ta' l-20 t'April 1894, u ***Il-Verità*** tat-28 t'April 1894)

F'dawn iż-żewġ gazzetti ġie ppubblikat rapport fejn jingħad li '*bejn Jannar 1893 u Marzu 1894* ***Il-Banda Nicolò Isouard*** *daqqet sebgħa u għoxrin darba u ħadet permess għal Tombla waħda*'.

Din l-informazzjoni toħroġ mil-lista tal-baned kollha li kienu jeżistu fil-gżejjer Maltin f'April 1894, liema lista s-Supretendent u Kap tal-Pulizija kien poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill tal-Gvern, l-għola awtorità ta' dak iż-żmien. Interessanti n-numru pjuttost kbir ta' kemm-il darba daqqet il-Banda. F'dawk iż-żminijiet il-Banda Nicolò Isouard kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Spiridione Zammit.

## 1897 - Il-Ħadd, 20 ta' Ġunju

*(Ref:* ***Malta,*** *Martedì 8, Giugno 1897, p. 3)*

Fl-okkażjoni ta' għeluq is-sittin sena mill-inkurunazzjoni tar-Reġina Vittorja ta' l-Ingilterra, kienu saru l-festi tad-*Diamond Jubilee*. Waħda mill-attivitajiet li kellhom isiru kienet korteo ġewwa l-Belt Valletta nhar il-Ħadd, 20 ta' Ġunju 1897 li fiħ ħadu sehem wieħed u tletin banda Maltija. Il-Banda Nicolò Isouard immarċjat fis-sitt post.

Din hija l-lista tal-Baned skond l-ordni kif immarċjaw wara xulxin:

1. Prince of Wales (Valletta)
2. San Filippo (Żebbuġ)
3. Vilhena (Floriana)
4. Duke of Edinburgh (Birgu)
5. L'Alleanza (B'Kara)
6. **Nicolò Isouard (Mosta)**
7. Pinto (Qormi)
8. Stella (Gozo)
9. San Giorgio (Cospicua)
10. Cavallieri di Malta (Sliema)
11. Maria delle Grazie (Żabbar)
12. Rohan (Żebbuġ)



*Ir-Reġina Vittorja ta' l-Ingilterra (1819-1901 - Reġina mill-1837 sal-mewt)*

13. Sun Giuseppe (Hamrun)
14. Beland (Żejtun)
15. Concordia (Żurrieq)
16. San Giuseppe (Tarxien)
17. La Pace (Naxxar)
18. Nicolina (Siġġiewi)
19. San Leonardo (Kirkop)
20. Santa Caterina (Żejtun)
21. San Andrea (Luqa)
22. L'Isle Adam (Notabile)
23. Leone (Gozo)
24. San Michele (Żabbar)
25. L'Unione (Luqa)
26. Duke of York (Birgu)
27. Stella (B'Kara)
28. Conte Ruggiero (Notabile)
29. Vincitrice (Senglea)
30. San Giorgio (Qormi)
31. La Vallette (Valletta)

Tajjeb li ngħidu li r-Reġina Vittorja mietet nhar it-22 ta' Jannar 1901, wara li għamlet erbgħa u sittin sena fuq it-tron ta' l-Ingilterra.

## 1897

(Ref: ***Il-Veru Mannarinu, 1897***)

Id-dokument jgħid li '*fil-festa ta' Santa Marija 1897, il-Banda ċivika tal-Mosta bl-isem ta' Nicolò Isouard kienet daqqet fil-pjazza tal-Mosta, innu ġdid li kantaw it-tfal mal-Banda. F'dik il-festa ta' l-Assunta fil-Mosta kienu ħadu sehem ħames baned oħra*'.

F'dawk is-snin, il-Banda Nicolò Isouard kienet taħt is-Surmast Anton Miruzzi li kien ħa l-Banda f'idejh fl-1894. Għaldaqstant wieħed malajr jifhem li l-innu l-ġdid li jissema' kien '***O Del Ciel Regina***', mużika ta' Anton Miruzzi stess fuq versi ta' Dun Wistin Azzoppardi.

Tajjeb li ngħidu li dan l-innu għadu jindaqq fil-purċissjoni ta' Santa Marija sal-lum. Dun Wistin kien magħruf għall-pinna tajba li kellu u għall-karità li kien jagħmel. Kien jiġi ħu Ġanni Azzoppardi li fl-1869 beda jgħallem liż-żgħażagħ Mostin bil-għan li-titwaqqaf il-Banda.

'***O Del Ciel Regina***' huwa innu b'melodija tal-widna mingħajr ħafna kumplikazzjonijiet mużikali. Għalhekk huwa faċli biex taqbdu u b'hekk kiseb popolarità kbira. Id-dokument li semmejna ma jħalli l-ebda dubju li Anton Miruzzi kiteb dan l-innu Marjan ġdid għall-Banda Nicolò Isouard.

Għaldaqstant wieħed ma jistax jinjora l-att irresponsabbli li sar madwar għoxrin sena ilu, meta xi ħadd li seħel kellu kopja ta' dan l-innu, taħ lill-Banda Santa Marija tal-Mosta, meta hu stess kien jaf li dan l-innu, Miruzzi kitbu propju għall-Banda Nicolò Isouard! Ma' dan l-innu, l-istess persuna tagħathom tlett innijiet oħra ta' Ġanni Vella li wkoll kitibhom għall-Banda Nicolò Isouard.



*L-ewwel erba' battuti mill-partitura ta' l-innu "O Del Ciel Regina" li Anton Miruzzi kiteb fl-1897 – mija u għaxar snin ilu.*

Min-naħa tal-Każin Santa Marija, barra li żammew mistur l-isem ta' min taħom dan l-innu, ma kienux kuntenti li jdoqqu l-innijiet li ddubbaw fil-purċissjoni ta' Santa Marija biss, iżda ddeċidew li jdoqqu l-istess innijiet f'purċissjonijiet Marjani oħra fejn il-Banda Santa Marija kienet tiġi mistiedna.

Agħar minn hekk, anzi ħafna agħar minn hekk, xi ħadd li suppost kien responsabbli fil-Każin Santa Marija, snin wara qabad u ta baxx baxx, żewġ innijiet ta' Ġanni Vella milli kienu ddubbaw, lil Każin ta' banda oħra biex huma wkoll idoqqu dawn l-innijiet fil-purċissjoni tagħhom!

Nistaqsi! X'sar minnu l-Patrimonju Mosti? Fejn hi l-imħabba lejn il-Patruna? X'sar minnu dan id-diskors li l-attivisti fil-Każin ta' Santa Marija ta' dak iż-żmien tant kienu jħobbu jgħidu?

Għal disgħin sena l-innu '***O Del Ciel Regina***' kien marbut mal-Mosta. Kien dik il-marka speċjali fil-purċissjoni ta' Santa Marija fil-Mosta. Illum, bis-saħħa tal-Banda Santa Marija, l-innu speċjali tal-Mostin sar sinonimu ma' purċissjonijiet oħra.

## 1898

(Ref: Mons. Alwiġ Deguara - ***L-IMĠARR, il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sa Llum***, p. 113)

Wara li nhar il-11 t'Ottubru 1898, l-Isqof Pietro Pace waqqaf il-parroċċa ta' l-Imġarr taħt it-titlu tal-Beata Verġni Marija Mtellgħa s-Sema, il-Kappillan Dun



*Il-knisja ta' Santa Marija l-antika fl-Imġarr li saret Parroċċa fl-1898, mill-Isqof Pietro Pace.*

Ġlormu Chetcuti (16/1/1863 - 11/8/1949) u l-Imġarrin għamlu festa biex jiċċelebraw l-inawgurazzjoni tal-parroċċa l-ġdida. F'din l-okkażjoni *'l-Banda Nicolò Isouard ġiet mistiedna tagħti s-servizz tagħha. L-ispejjeż tal-banda kienu ta' żewġ liri u rċieva l-flus Carmelo Mercieca'.*

Minn sorsi oħra nafu li dan Carmelo Mercieca kien il-Kummissjonant tal-Banda.

## 1899

(Ref: ***Arkivju Parrokkjali, Mellieħa***. Libero C. Dok I-V. Riċevuta No. 10)

Il-Banda ddoqq fil-festa tal-Vitorja tas-sena 1899 fil-Mellieħa. Id-dokument jgħid li *'tħallset is-somma ta' għaxar liri għas-servizz tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta fil-festi tal-Vitorja. Irċieva l-flus Carmelo Mercieca'.* Wieħed jinnota d-differenza kbira bejn il-ħlas tal-Banda f'Ottubru 1898 għal servizz fl-Imġarr u l-ħlas fil-festa tal-Vitorja ta' l-1899 fil-Mellieħa. Jista' jkun, anzi probabbli, li fil-festi tal-Vitorja, il-Banda daqqet aktar minn darba. Iżda nemmen ukoll li fil-każ tal-Mellieħa l-ispejjeż kienu akbar ukoll, minħabba li t-trasport li f'dawk iż-żminijiet kien bil-bhejjem, kien għal triq itwal u aktar diffiċli.



*Carmelo Mercieca*

## 1899

(Ref: ***Arkivju Parrokkjali Mġarr.*** Libero Esigenze della Chiesa Rurale del Migiarro, p. 181)

*'Il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta ddoqq fil-festa ta' Santa Marija patruna ta' l-Imġarr'.*

Mill-istess dokument jirriżulta li l-Banda tal-Mosta għamlet dan is-servizz kull sena bejn l-1899 u l-1909. Għal ħdax-il sena waħda wara l-oħra.

## Għeluq

F'din l-edizzjoni ta' l-annwal semmejna tnax-il episodju marbuta mal-Banda Nicolò Isouard. Għalkemm bħala numru dawn huma ftit, jagħtuna stampa ċara ta' l-attività tal-Banda tal-Mosta f'dawn it-tletin sena. Għandna is-sehem importanti fil-festa ta' Santa Marija fil-Mosta. Is-sehem tal-Banda fil-festi ta' rħula oħra. Is-sehem tal-Banda f'attivitajiet pubbliċi jew nazzjonali. Jinħass b'mod qawwi r-rabta tal-Banda Nicolò Isouard mal-Mosta u mal-Mostin. Naraw ukoll kif il-Baned Maltin bdew jiżdiedu aktar ma beda joqrob is-seklu għoxrin. Dan kollu meta l-baned Maltin kien għadhom fis-snin bikrin tagħhom.

**Ħajr**
* Is-Sur Horrace Muscat
* Is-Sur Joe Catania
* Rev. Mons. Alwiġ Deguara

**Errata Corrige**

Fl-artiklu '**Nikkoreġu l-Istorja**' ta' Saviour Dimech, fl-Annwal tas-sena 2006, p.p. 97-107, ġew ippubblikati xi żbalji bi żvista. Uħud minnhom qabżulna waqt il-qari tal-provi. Ohrajn ksibna aktar informazzjoni dwarhom wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb. Sejrin inġibu t-tiswijiet f'kull każ.

* **F'paġna 98** jissemma' ċertu Valent li ma konniex nafu x'kien kunjomu. Qarib tiegħu għarrafna li kien **Valent Grech**.
* **F'paġna 100** jingħad li erba' membri oħra ġew ikko-optjati fil-kumitat tal-Każin Santa Marija. Fin-nota 19 f'paġna 106 hemm l-ismijiet ta' dawn l-erba' membri. Dak li jidher bħala Charlie Debono għandu kunjomu stampat ħażin. Propjament huwa **Charlie Bonello.**
* **F' paġna 103** jissemma' l-Maġġur Joseph Vella u jingħad li kellu kariga għolja fil-kumitat tal-Każin tas-Soċjetà Nicolò Isouard. Dan huwa żball li nqabeż waqt il-qari tal-provi. Fil-verità l-Maġġur Vella kellu kariga għolja fil-kumitat tal-**Każin Santa Marija.** Huwa kien segretarju u mbagħad President tal-Każin Santa Marija għal ħafna snin. Huwa kien ukoll Membru Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.
* **F' paġna 107,** l-ewwel parti tan-nota bin-numru 33 ġiet stampata b'xi żbalji. Trid tiġi taqra hekk:
Minn fost il-bandisti li ma baqgħux idoqqu mal-Banda Nicolò Isouard kien hemm dawn it-tlieta li marru jdoqqu mal-Banda Santa Marija: Mario Bugeja (klarinett) - l-aħħar servizz li attenda mal-Banda Nicolò Isouard kien fil-festa ta' Santa Marija, l-Imġarr nhar is-16 t'Awissu 1986; Mark Attard (kurunetta) - l-aħħar servizz li ta lill-Banda Nicolò Isouard kien nhar id-19 t'Ottubru 1986 fil-Programm Mużikali tal-115 anniversarju mit-twaqqif tal-Banda; Philip Bugeja (klarinett) - l-aħħar darba li daqq mal-Banda Nicolò Isouard kien waqt il-kunċert nhar id-29 t'Ottubru 1986.